Minuti tal-Laqgħa Nru. 32 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar l-Erbgħa, 10 ta' Diċembru 2014 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Christian Falzon<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Sinjorina. Christina Sammut |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

---

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Xogħolijiet
5. Post Mortem - Ftehim ta Koperazzjoni, Fontana
6. Żjara Kulturali għall-Milied – Betlem f' Għajnsielem
7. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
8. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti ġew approvati. Is-Segretarju qal li kien hemm xi tibdil fl-attendenza tal-Kunsillieri Christina Sammut fejn din infurmat li kienet ma tiflaħx u Chris Falzon li kien preżenti fil-laqgħa ta Novembru.

## 2.0 PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq item 4.2 tal-minuti ta qabel fejn huwa ried ikun jaf jekk għadx fadal postijiet mill-iskema tal-LEAP fejn jistgħu jidħlu persuni oħra. Is-Sindku informa li huwa kien iċċekkja mal-kordinaturi t din l-iskema fejn infurmawh li ma kienx għad fadal aktar postijiet biex jingaġġaw ruħhom persuni oħra.

2.2 Il-Kunsilliera Sammut qalet li fuq l-ftehim tal-koperazzjoni hija ma kinitx infurmata. Is-Sindku qal li dan l-item kien diskuss fil-laqgħa ta qabel quddiem il-Kunsilliera kollha. Huwa qal lis-Segretarju biex jfakkarhom fuq affarijiet ta din in-natura.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku qara stedina li waslet mill-Każin tal-Għaqda Mużikali Sant' Andrija fuq kunċert li kien se jittella l-Ħadd li ġej. Huwa appella lill-Kunsilliera biex minn jista jattendi.

3.2 Is-Sindku qara wkoll email li kienet waslet mill-Mtarfa FC fuq attivita li kien se jtella fl-okkażżjoni tal-Milied.

3.3 Is-Sindku semma li kienet se ssir Day Conference fejn jidħlu public sector employees u appella lill-dawk il-Kunsilliera interessati sabiex jirreġistraw għaliha.

3.4 Il-Kunsillier Camilleri tkellem fuq konferenza li huwa kien attenda għaliha fuq roadside trees. Huwa qal li din il-konferenza kienet interessanti.

3.5 Kien hemm email li qraha is-Sindku fuq stray cats li kienet tagħti struzzjonijiet fejn hemm żoni li minhom hemm qtates li dawn għandhom jkunu imsewija.

3.6 Kien hemm email oħra li nqrat mis-Sindku fuq il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti fejn fiha kien hemm stedina għall konferenza. Huwa qara l-program u appella lill-dawk il-Kunsilliera interessati sabiex jattendu.

3.7 Is-Sindku qara email li waslet mingħad il-Plant Health Directorate sabiex ikun hemm konsultazzjoni ma persuni li huma esperti fuq siġar sabiex jkun hemm aktar siġar importanti li jitħawwlu fi spazji disponibli.

3.8 Is-Sindku qal li kien hemm stedina mill-Kunsill Lokali ta Marsaskala fuq kunċert li kien se jsir. Huwa qal li dawk huma interessati jistgħu jattendu għalih.

3.9 Il-Kunsillier Caruana semma li quddiem fejn kien hemm l-HSBC Ħal Luqa kienet sfrondat parti mit-triq li kien hemm sabiex tittieħed azzjoni fuqha. Is-Sindku qal li huwa diġa kien qed jikkordina x-xogħolijiet fuqha.

3.10 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm diversi xogħolijiet tas-soft areas madwar Ħal Luqa li għadhom ma sarux. Is-Sindku semma li huwa kien ċempel u wissa lill-kuntrattur sabiex ibiddel il-metodu tax-xogħol tiegħu. Huwa qal ukoll li kien kiteb bil-miktub fuq dan li kien qed jiġri ġewwa Ħal Luqa fejn jirrigwarda x-xogħol. Is-Sindku qal ukoll li għandu risposta il-miktub fejn il-ħaddiem Mario Psaila issa ġie assenjat lill-Kunsill Lokali. Is-Sindku qal li minn naħa tagħha l-ELC diġa bagħatet il-guy fejn għamel xogħol ta żbir ġewwa Ħal Farruġ. Huwa appella lill-Kunsillier Caruana biex fejn ikun hemm bżonn dan jagħmel pressjoni fuqhom peress li dan huwa wieħed mid-dekasteri tiegħu.

3.11 Il-Kunsillier Caruana qal li kien hemm xi affarijiet wara l-garaxxijiaet ta fejn Triq Wied in-Noqor sabiex il-ħaddiema tal-Kunsill jiġbruhom. Is-Sindku appella lis-Segretarju biex jibgħathom.

3.12 Il-Kunsillier Caruana semma fuq it-tabella li kellha issir fejn iċ-Ċimiterju ta San Tumas peress li din għadha ma twaħħlitx u saqsa is-Segretarju fuqha billi din kienet issemmiet ix-xahar ta' qabel. Is-Segretarju irrisponda li huwa kien kellem lill tat-tabelli biex ilestihom. Huwa qal li l-Kunsillier Caruana ma kellux għalfejn iħalli sal-laqgħa sabiex ikellmu fuqha.

3.13 Il-Kunsillier Caruana fakkar fuq planka li kellha issir fejn il-bus shelter ta quddiem il-Kappella ta' Ħal Farruġ u anki fuq il-pjanti li hemm jinsabu fuqu. Is-Segretarju qallu li huwa se jkun qed jieħu ħsiebha. Is-Sindku qal li huwa diġa kien għamel rapport fuq dawn il-pjanti biex jitneħħew lill-Pulizija.

## 4.0 XOGĦOLIJIET

4.1 Is-Sindku semma li komplew ix-xogħolijiet fuq il-bankini ma dawk li kienu diġa inbdew. Huwa qal li ma dawk il-bankini li huwa kien semma li saru ix-xahar ta qabel, issa kienu saru dik ta Triq Santa Marija u Triq Gużeppi Penza wkoll. Huwa reġa semma li kienu saru diversi xogħolijiet ta bankini fosthom fi Triq Sir Ugo Mifsud, Triq id-Dokkiena, Triq ir-Rixtellu, Triq Ħal Tarxien u parti minn Triq San Pawl. Dawn kienu imqattgħin u mibnija mill-ġdid bil-konkos.

## 5.0 POST MORTEM - FTEHIM TAL-KOPERAZZJONI, FONTANA

5.1 Is-Sindku semma li bħala Kunsill tlajna flimkien ma grupp ta residenti minn Ħal Luqa għal dakinhar tal-festa ta Sant' Andrija ġewwa l-Fontana. Huwa qal li l-Kunsill kien milqugħ tajjeb ħafna u kien hemm prospetti tajbin ħafna biex dan il-ftehim ta koperazzjoni ikompli jimmaterjalizża. Huwa qal li għal dakinhar tal-okkażżjoni ġie ippreżentat lill-Kunsill ikona tal-Qalb ta' Ġesu u anki mudell tal-Għajn il-Kbira filwaqt li l-Kunsill ta' Ħal Luqa ippreżenta żewġ ritratti fil-frames tal-vara ta Sant' Andrija ta' Ħal Luqa.

## 6.0 ŻJARA KULTURALI BETLEHEM F' GĦAJNSIELEM

6.1 Il-Viċi Sindku qal li l-għada tal-Milied se jkun hemm ħarġa għal Bethlehem f' Għajnsielem. Il-prezz tal-kbar se jkun € 18 u taż-żgħar € 5.

6.2 Il-Kunsilliera Massa saqsiet jekk hux se jkunu qed iżuru presepji waqt iż-żjara. Il-Viċi Sindku semma li huwa kien ġabar informazzjoni fuq il-wirjiet li kien hemm għaddejin u se jkun hemm xi żjajar dakinhar.

## 7.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

7.1 Is-Sindku qal li l-pagamenti ta Jeffrey Mifsud kienu fuq xogħol li ġie sub contracted mill-kuntrattur li jieħu ħsieb ix-xogħolijiet tal-bankini peress li dan ma setax jagħmel dawn ix-xogħolijiet.

7.2 Il-Kunsilliera Sammut saqsiet fuq il-pagament lill Michelle Rhuma. Is-Sindku qal li dan kien fuq inċident li ġara fi Triq Pawlu Magri minħabba U-Bar peress li din kienet twaħħlet taħt il-kurduna.

7.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa x kien il-pagament ta Alfred Barbara. Is-Segretarju qal li dan kien jirrigwarda bdil ta clutch fuq il-vann. Il-Kunsillier Carauana qal li dan kien żamm għoli ħafna ta dawn it-tiswijiet. Is-Sindku qal li jekk il-Kunsillier Caruana jaħseb li l-prezz huwa għoli għandu jmur ikellem jew joġġezzjona lill-mechanic.

7.4 Il-Kunsillier Caruana saqsa x kien jirrigwarda l-kont ta Vella Falzon. Is-Segretarju qal li dan kien fuq xogħol u materjal ta madum li sar fl-uffiċċju amministrattiv il-ġdid. Il-Kunsillier Caruana qal li huwa ma kienx jaf b' dan ix-xogħol. Is-Sindku qallu li din hija tal-mistħija meta huwa kien semma dawn ix-xogħolijiet waqt li huwa kien preżenti waqt il-laqgħa. Fuq dawn ix-xogħolijiet kien hemm anki l-kwotazzjoni u ntgħażlet l-aħjar offerta.

7.5 Il-Kunsillier Caruana kif ukoll il-Kunsillier Falzon ivvotaw kontra l-iskeda tal-pagamenti filwaqt li l-bqija tal-Kunsilliera kienu favur din l-iskeda.

## 8.0 AĠĠORNAMENT

Ma kienx hemm items oħra fuq l-aġenda li kellhom jiġu diskussi, għalhekk din ġiet eżawrita. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar L-Erbgħa 10 ta' Diċembru 2014 fis-6.45 pm. Ma kienx hemm data proposta għal laqgħa li jmiss, peress li x-xahar ta Diċenbru huwa xahar impenjattiv minħabba l-festi.

Konfermati llum ________________________ 2014.

| | |
|---|---|
| John Schembri | Michael Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |